MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 589/2004

**Maltacom Plc**

**Vs**

**John Elton Zammit**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm134.58c (mija w erbgha u tletin lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu) rapprezentanti servizz tat-telefon bin-numru 21498154 (numru tal-klijent CN 1045847) u liema servizz gie nstallat fil-fond Flat 4, Ent. `+++B, Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, Kalkara.

Illi l-konvenut gie nterpellat diversi drabi sabiex ighaddi ghall-hlas izda baqa' nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-14 ta' Novembru, 2000 sad-data ta' l-effettiv pagament, u bil-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa' kontumaci;

Sema' li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talba attrici kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------